**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Frar, 2020**

**Kawza numru: 205/2019 AM**

**Numru fuq il-lista: 26**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu**

**Marsa**

**Vs**

**Naomi Camilleri (K.I. 460496M)**

**23 Il-Mistrieh**

**Triq ic-Cipru**

**Naxxar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici pprezentat fis-07 ta' Awwissu 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallasa s-somma ta' tlett elef sitt mija erbgha u sittin ewro u hamsin centezmu (€3,664.50c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40690739.

Rat l-ammissjoni tal-konvenut fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020 b'dan li fil-mori hija ddikjarat li ghamlet xi pagamenti u li ghalhekk l-ammont dovut huwa anqas minn dak mitlub mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Jannar 2002 li permezz taghha ddikjarat li l-ammont dovut gie ridott ghal elfejn tmien mija u erbatax-il ewro u hamsin centezmu (€2,814.50c)

Rat li mil-provi ghalhekk il-kawza tirrizulta sodisfacenetment ippruvat.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentanza tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament il-bilanc dovut.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenuta regghet ma deherx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u erbatax-il ewro u hamsin centezmu (€2,814.50c) bilanc ta' somma akbar bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 879/13 li saret fl-04 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 879/18 a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**